

Il-Ġurnal Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea

L 38



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

9 ta' Frar 2013

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 114/2013 tas-6 ta' Novembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-applikazzjoni għal deroga minn miri ta' emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda ⁽¹⁾** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 115/2013 tat-8 ta' Frar 2013 li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwu fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, għal dak li jirrigwarda s-sustanza diklażuril ⁽¹⁾** 11
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 116/2013 tat-8 ta' Frar 2013 li jemenda l-Anness għar-Regolament (UE) Nru 37/2010 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwu fl-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali fejn tidħol is-sustanza eprinomectin ⁽¹⁾** 14
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 117/2013 tat-8 ta' Frar 2013 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 17

Prezz: EUR 3

(Ikompri fil-paġna li jmiss)

⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 118/2013 tat-8 ta' Frar 2013 li jiffissa l-koeffiċjenti ta' allokkazzjoni li għandha tapplika għall-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa mressqa mill-4 sal-5 ta' Frar 2013 fil-kuntest tal-kwota tariffarja tat-Tuneżija u li jissospendi l-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni għax-xahar ta' Frar 2013 19



II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 114/2013

tas-6 ta' Novembru 2012

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-applikazzjoni għal deroga minn miri ta' emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-proċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi ħfief⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(7) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 il-manifatturi ta' volumi żgħar (minn issa "l-applikanti") jistgħu japplikaw għal miri alternattivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li għandhom ikunu konsistenti mal-potenzjal ta' tnaqqis tagħhom, inkluż il-potenzjal ekonomiku u teknoloġiku biex inaqqsu l-emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂ tagħhom, u jqisu l-karatteristiċi tas-suq għat-tipi ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda kkonċernati.

(2) Meta jkun qed jiġi stabbilit il-potenzjal ta' tnaqqis tal-applikant, għandu jiġi vvalutat il-potenzjal ekonomiku u teknoloġiku tal-applikant. Għal dak l-għan, l-applikant għandu jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar l-attivitajiet ekonomiċi tiegħu kif ukoll informazzjoni dwar it-teknoloġiji li jnaqqsu s-CO₂ użati fil-vetturi kummerċjali ħfief. L-informazzjoni mitluba tinkludi dejta li diġà hija disponibbli għall-applikant u ma għandhiex tinkludi piż amministrattiv addizzjonali.

(3) Sabiex l-applikanti jiġu pprovduti b'linja bażi ċara li għandha tintuża biex jiġu stabbiliti l-miri ta' emissjonijiet speċifiċi, huwa xieraq li tintuża l-iżjed dejta riċenti disponibbli dwar l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO₂ fl-2010. Meta din id-dejta ma teżistix, il-mira għandha titqabbel mad-dejta dwar l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ fis-sena kalendarja ta' wara li hija l-eqreb tal-2010.

(4) Sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni, għandha tiġi pprovduta lista tal-manifatturi u l-emissjonijiet speċifiċi medji tagħhom tas-CO₂ fl-Unjoni fl-2010. Il-lista għet imfassla wara konsultazzjoni formali mal-Istati Membri u l-partijiet interessati prinċipali fil-grupp ta' esperti għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika dwar is-CO₂ minn vetturi tat-triq fid-9 ta' Lulju 2012.

(5) Sabiex jitqies l-ammont limitat ta' prodotti offruti minn xi applikanti u l-ambitu limitat li jirriżulta għad-distribuzzjoni tal-isforz ta' tnaqqis ta' emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂ mal-flotta kollha, l-applikanti għandhom jitħallew jagħżlu bejn mira tal-emissjonijiet speċifiċi annwali unika għall-perjodu tad-deroga jew miri differenti kull sena, li jirriżultaw fi tnaqqis mil-linja bażi tal-2010 fi tmiem il-perjodu tad-deroga.

(6) Skont l-eċċezzjoni għad-dritt tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti kif stipulat fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni⁽²⁾ ċerta informazzjoni li tinsab fl-applikazzjoni għad-deroga għandha tiġi eżentata mill-aċċess pubbliku fejn id-divulgazzjoni ta' din l-informazzjoni tista' timmina l-protezzjoni ta' interess kummerċjali, b'mod partikolari informazzjoni dwar l-ippjanar tal-prodott tal-applikant, l-ispejjeż mistennija u l-impatti fuq il-profittabbiltà tal-kumpanija. Id-deċiżjonijiet li jagħtu d-derogi se jiġu ppubblikati mill-Kummissjoni fuq l-Internet,

⁽¹⁾ ĠU L 145, 31.5.2011, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jispjefika l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-applikanti għall-fini li jintwera li qed jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għal deroga skont-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin flimkien mad-definizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament (UE) Nru 510/2011:

- (1) "applikant" tfisser manifattur fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011;
- (2) "karatteristiċi tal-vettura" tfisser il-partikolaritajiet tal-vettura, inklużi l-massa, l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂, l-għadd ta' sists, il-prestazzjoni tal-magna, il-proporzjon tal-potenza għall-massa u l-ogħla veloċità;
- (3) "karatteristiċi tas-suq" tfisser informazzjoni dwar il-karatteristiċi tal-vettura, u l-ismijiet u l-firxiet tal-prezzijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief li jikkompetu direttament mal-vetturi li għalihom qed tintalab deroga;
- (4) "faċilità tal-produzzjoni proprja" tfisser impjant tal-manifattura jew tal-immuntar użat biss mill-applikant biex jimmanifattura jew jimmunta vetturi kummerċjali ħfief ġodda esklussivamnet għal dak l-applikant, inklużi, fejn rilevanti, vetturi kummerċjali ħfief maħsuba għall-esportazzjoni;
- (5) "ċentru proprju tad-disinn" tfisser faċilità fejn tiġi ddisinjata u żviluppata l-vettura kollha, u li hija taħt il-kontroll u l-użu esklussiv tal-applikant.

Artikolu 3

Applikazzjoni għal deroga skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011

Applikazzjoni għal deroga skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 għandha titressaq mill-applikant skont il-format speċifikat fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, u għandha tinkludi l-informazzjoni stipulata fl-Artikolu 4 u l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Informazzjoni dwar kriterji tal-eliġibbiltà

L-applikant għandu jipprovdi l-informazzjoni li ġejja dwar il-kriterji tal-eliġibbiltà:

- (a) informazzjoni dwar l-istruttura tas-sjieda tal-manifattur jew il-grupp ta' manifatturi konnessi, flimkien mad-dikjarazzjoni rilevanti stabbilita fl-Anness II;

- (b) l-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati uffijjalment fl-Unjoni fit-tliet snin kalendarji qabel id-data tal-applikazzjoni li huwa responsabbli għalihom l-applikant, jew meta tali dejta ma tkunx disponibbli, waħda minn dawn li ġejjin:
 - (i) stima, ibbażata fuq dejta verifikabbli, tal-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fil-perjodu msemmi fil-frażi introdutturja li huwa responsabbli għalihom l-applikant;
 - (ii) jekk l-ebda vettura kummerċjali ħafifa ma kienet irreġistrata fil-perjodu msemmi fil-frażi introdutturja, l-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fl-aħħar sena kalendarja li għalihom tkun disponibbli tali dejta.

Artikolu 5

Mira ta' emissjonijiet speċifiċi u potenzjal għat-tnaqqis skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011

1. L-applikant għandu jipprovdi l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO₂ tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda tiegħu rreġistrati fl-2010, sakemm l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO₂ għal dik is-sena ma jkunx elenkati fl-Anness III. Fejn ma tkunx disponibbli din l-informazzjoni, l-applikant għandu jipprovdi l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO₂ tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda tiegħu rreġistrati fis-sena kalendarja li hija l-eqreb tal-2010.

2. L-applikant għandu jipprovdi l-informazzjoni li ġejja dwar l-attivitajiet tiegħu:

- (a) għas-sena kalendarja ta' qabel id-data tal-applikazzjoni, l-għadd ta' impjegati u d-daqs tal-faċilità tal-produzzjoni fmetri kwadri;
- (b) il-mudell operazzjonali tal-faċilità tal-produzzjoni li jispeċifika liema attivitajiet ta' disinn u ta' produzzjoni jitwettqu mill-applikant u liema huma dawki li jiġu esternalizzati;
- (c) fil-każ ta' impriża konnessa, jekk it-teknoloġija hijiex kondiviża bejn il-manifatturi, u liema attivitajiet huma esternalizzati;
- (d) għal ħames snin kalendarji qabel id-data tal-applikazzjoni, il-volumi ta' bejgħ, il-fatturat annwali, il-profitt nett, u n-nefqa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġiji li jnaqqsu s-CO₂, u fil-każ ta' impriża konnessa, it-trasferimenti netti lejn il-kumpanija prinċipali;
- (e) il-karatteristiċi tas-suq tiegħu;
- (f) il-lista tal-prezzijiet għall-verżjonijiet kollha tal-vetturi kummerċjali ħfief li għandhom ikunu koperti bid-deroga fis-sena kalendarja ta' qabel id-data tal-applikazzjoni, u l-lista tal-prezzijiet mistennija għall-vetturi kummerċjali ħfief ppjanati li jiġu varati u li jkunu koperti bid-deroga.

L-informazzjoni msemmija fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu għandha tiġi akkumpanjata minn kontijiet ċertifikati uffiċjali, jew għandha tkun ċertifikata minn awditur indipendenti.

3. L-applikant għandu jipprovi l-informazzjoni li ġejja dwar il-potenzjal teknoloġiku tiegħu ta' tnaqqis tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂:

(a) il-lista tat-teknoloġiji li jnaqqsu s-CO₂ użati fil-vetturi kummerċjali ħief tiegħu mqiegħda fis-suq fl-2010 jew, meta dik id-dejta ma tkunx disponibbli, għas-sena ta' wara li hija l-eqreb tal-2010, jew fil-każ tal-manifatturi li jkunu qed jippjanaw li jidħlu fis-suq, għas-sena li fiha tibda tapplika d-deroga;

(b) il-lista tat-teknoloġiji li jnaqqsu s-CO₂ użati fil-vetturi kummerċjali ħief tiegħu taħt il-programm għat-tnaqqis ta' emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂ u l-ispejjeż addizzjonali ta' dawn it-teknoloġiji għal kull verżjoni ta' vettura koperta bl-applikazzjoni.

4. L-applikant għandu, skont il-potenzjal ta' tnaqqis tiegħu, jipproponi waħda mill-miri li ġejjin:

(a) mira tal-emissjonijiet speċifiċi li tiżgura li jitnaqqsu l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ mal-iskadenza tal-perjodu tad-deroga meta mqabbla mal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ imsemmija fil-paragrafu 1;

(b) mira ta' emissjonijiet speċifiċi għal kull sena tal-perjodu tad-deroga li hija determinata b'tali mod li l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ matul il-perjodu tad-deroga kollu jitnaqqsu meta mqabbla mal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ msemmija fil-paragrafu 1.

5. Il-mira ta' emissjonijiet speċifiċi jew il-miri ta' emissjonijiet speċifiċi annwali proposti mill-applikant għandhom ikunu akkumpanjati minn programm għat-tnaqqis ta' emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ tal-flotta l-għdida.

Il-programm għat-tnaqqis ta' emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ għandu jispeċifika dan li ġej:

(a) l-iskeda għall-introduzzjoni tat-teknoloġiji li jnaqqsu s-CO₂ fil-flotta tal-applikant;

(b) l-istima tal-vetturi kummerċjali ħief ġodda rreġistrati fl-Unjoni kull sena għall-perjodu tad-deroga u l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ mistennija u l-massa medja;

(c) fil-każ tal-miri annwali ta' emissjonijiet speċifiċi, titjib annwali tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ tal-verżjonijiet

tal-vetturi li għalihom qed jiġu introdotti teknoloġiji li jnaqqsu s-CO₂.

6. Il-konformità tal-applikant mal-mira ta' emissjonijiet speċifiċi jew mal-miri ta' emissjonijiet speċifiċi ta' kull sena għandhom jiġu vvalutati skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 kull sena matul il-perjodu ta' deroga.

Artikolu 6

Valutazzjoni mill-Kummissjoni

1. Jekk il-Kummissjoni ma toġġezzjonax fi żmien disa' xhur mill-wasla uffiċjali ta' applikazzjoni kompluta skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011, il-kundizzjonijiet rilevanti biex tiġi applikata d-deroga għandhom jitqiesu li ġew issodisfati.

Jekk il-Kummissjoni ssib li l-applikazzjoni mhijiex kompluta, tista' tintalab informazzjoni addizzjonali. Jekk l-informazzjoni addizzjonali ma titressaqx fi żmien il-perjodu speċifikat fit-talba, il-Kummissjoni tista' tirrifjuta l-applikazzjoni.

Fil-każ ta' rifjut minħabba inkompletezza tal-applikazzjoni jew minħabba li l-Kummissjoni ssib li l-mira ta' emissjonijiet speċifiċi proposta mhijiex konsistenti mal-potenzjal ta' tnaqqis tal-applikant, l-applikant jista' jressaq applikazzjoni kompluta jew riveduta għal deroga.

2. L-applikazzjonijiet għandhom jitressqu f'forma stampata u elettronika. Il-verżjoni stampata għandha tintbagħat lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea "Secretariat General of the European Commission, 1049 Bruxelles/Brussel, Belgique/België", immarkata "Deroga skont ir-Regolament (UE) Nru 510/2011". Il-verżjoni elettronika għandha tintbagħat ukoll fl-indirizz elettroniku funzjonali speċifikat fl-Anness I.

3. Jekk jinstab li l-informazzjoni li tinsab fl-applikazzjoni mhijiex korretta jew eżatta, id-deċiżjoni li tingħata deroga tiġi revokata.

Artikolu 7

Aċċess pubbliku għall-informazzjoni

1. Applikant li jikkunsidra li l-informazzjoni mressqa fl-applikazzjoni ma għandhiex tiġi divulgata skont l-Artikolu 11(8) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 jindika dan fl-applikazzjoni u jiġġustifika għaliex id-divulgazzjoni tista' timmina l-protezzjoni tal-interessi kummerċjali tal-applikant, inkluża l-proprjetà intelletwali.

2. L-eċċezzjoni għad-dritt tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti stipulata fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 titqies li tapplika għat-tipi ta' informazzjoni li ġejjin:

(a) dettalji tal-programm għat-tnaqqis ta' emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ imsemmi fl-Artikolu 5, u b'mod partikolari d-dettalji li jikkonċernaw l-iżvilupp tal-portafoll ta' prodotti tal-applikant;

(b) l-impatti mistennija tat-teknoloġiji li jnaqqsu s-CO₂ fuq l-ispejjeż tal-produzzjoni, il-prezzijiet tax-xiri ta' vetturi u l-profittabbiltà tal-kumpanija.

Artikolu 8

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Novembru 2012.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX I

Il-format standard tal-applikazzjoni għal deroga li għandha titressaq mill-manifatturi ta' vetturi kummerċjali ħief li jissodisfaw l-kriterji tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011

Il-verżjoni elettronika tal-applikazzjoni għandha tintbagħat fl-indirizz elettroniku li ġej:

EC-CO2-LDV-IMPLEMENTATION@ec.europa.eu

1. Isem, indirizz u persuna ta' kuntatt għall-manifattur jew il-grupp ta' manifatturi konnessi

Isem il-manifattur	Indirizz postali	Isem il-persuna ta' kuntatt	Indirizz elettroniku tal-persuna ta' kuntatt	Numru tat-telefown tal-persuna ta' kuntatt

2. Isem, indirizz u persuna ta' kuntatt tar-rappreżentant tal-manifattur għall-UE (fil-każ biss jekk manifattur huwa stabbilit barra l-UE)

Isem ir-rappreżentant tal-manifattur għall-UE	Indirizz postali	Isem il-persuna ta' kuntatt	Indirizz elettroniku tal-persuna ta' kuntatt	Numru tat-telefown tal-persuna ta' kuntatt

3. Kriterji ta' eliġibbiltà

3.1. *L-applikant jagħmel parti minn grupp ta' manifatturi konnessi?*

IVA (id-dikjarazzjoni stabbilita fl-Anness II trid tiġi mehmuża)

LE

3.2. *L-applikant jagħmel parti minn grupp ta' manifatturi konnessi iżda jħaddem il-faċilitajiet ta' produzzjoni u ċ-ċentru ta' disinn tiegħu stess?*

IVA (id-dikjarazzjoni stabbilita fl-Anness II trid tiġi mehmuża; ara l-punt 3.3)

LE (ara l-punti 3.4 u 3.5)

3.3. *L-għadd ta' vetturi kummerċjali ħief ġodda rreġistrati fl-Unjoni jekk l-applikazzjoni tirreferi għal manifattur li mhuwiex konness jew manifattur konness li jħaddem il-faċilitajiet ta' produzzjoni u ċ-ċentru ta' disinn tiegħu stess:*

3.3.1. *Ċifra uffiċjali fit-tliet snin kalendarji ta' qabel id-data tal-applikazzjoni*

Sena			
Għadd ta' reġistrazzjonijiet ġodda fl-UE			

3.3.2. *Meta ċ-ċifra uffiċjali msemija fil-punt 3.3.1 ma tkunx disponibbli għall-perjodu msemmi hemmhekk, stima msejsa fuq dejta verifikabbli*

Sena			
Għadd ta' reġistrazzjonijiet ġodda fl-UE			

- 3.3.3. Meta ċ-ċifri fil-punti 3.3.1 u 3.3.2 ma jkunux disponibbli għal dak il-perjodu, iċ-ċifri tal-aħħar sena kalendarja li għaliha hija disponibbli din id-dejta

Sena			
Għadd ta' reġistrazzjonijiet ġodda fl-UE			

- 3.4. Jekk l-applikazzjoni tirreferi għal grupp ta' manifatturi konnessi, jekk jogħġbok ipprova dan li ġej:

Isem il-manifatturi	Indirizz postali	Isem il-persuna ta' kuntatt	Indirizz elettroniku tal-persuna ta' kuntatt	Numru tat-telefown tal-persuna ta' kuntatt

- 3.5. L-għadd ta' vetturi kummerċjali ġodda rreġistrati fl-Unjoni ta' grupp ta' manifatturi konnessi jekk l-applikazzjoni tirreferi għal grupp ta' manifatturi konnessi u l-applikant ma jħaddimx il-faċilitajiet ta' produzzjoni u ċ-ċentru ta' disinn tiegħu stess:

- 3.5.1. Ċifra uffiċjali fit-tliet snin kalendarji ta' qabel id-data tal-applikazzjoni

Sena			
Għadd ta' reġistrazzjonijiet ġodda fl-UE			

- 3.5.2. Meta ċ-ċifra uffiċjali msemmija fil-punt 3.5.1 ma tkunx disponibbli għall-perjodu msemmi hemmhekk, stima msejsa fuq dejta verifikabbli

Sena			
Għadd ta' reġistrazzjonijiet ġodda fl-UE			

- 3.5.3. Meta ċ-ċifri fil-punti 3.5.1 u 3.5.2 ma jkunux disponibbli għal dak il-perjodu, iċ-ċifri tal-aħħar sena kalendarja li għaliha hija disponibbli din id-dejta

Sena			
Għadd ta' reġistrazzjonijiet ġodda fl-UE			

4. **Tul ta' żmien mitlub tad-deroga**

Għadd ta' snin kalendarji (massimu 5)			
---------------------------------------	--	--	--

5. **Proposta għal mira ta' emissjonijiet speċifiċi kkalkulata bħala l-medja tal-flotta għall-perjodu tad-deroga jew miri separati ta' emissjonijiet speċifiċi f'każ ta' tnaqqis kull sena (fi g CO₂/km)**

Sena					
Mira ta' emissjonijiet speċifiċi medji (fi g CO ₂ /km)					

6. **Informazzjoni speċifika tal-kumpaniji**

- 6.1. Emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ fl-2010 jekk mhux inklużi fl-Anness III (jew jekk mhux disponibbli, fis-sena kalendarja ta' wara li hija l-egreb tal-2010)
- 6.2. Għadd ta' impjegati fis-sena kalendarja ta' qabel id-data tal-applikazzjoni
- 6.3. Id-daqs tal-faċilità tal-produzzjoni f'metri kwadri fis-sena kalendarja ta' qabel l-applikazzjoni
- 6.4. Il-volumi ta' bejgħ fil-5 snin qabel id-data tal-applikazzjoni

Sena					
Volumi ta' bejgħ					

6.5. *Il-fatturat annwali fil-5 snin qabel id-data tal-applikazzjoni*

Sena					
Fatturat					

6.6. *Karatteristiċi tas-suq*

L-informazzjoni dwar prodotti ppjanati, li mhumiex disponibbli fis-suq fi żmien l-applikazzjoni, għandha tiġi pprovduta fit-taqsima kunfidenzjali ta' din l-applikazzjoni.

- (a) il-karatteristiċi tal-vettura;
- (b) l-ismijiet u l-firxiet tal-prezzijiet ta' vetturi li jikkompetu direttament fis-sena ta' qabel id-data tal-applikazzjoni;
- (c) il-lista tal-prezzijiet tal-vetturi li se jkunu koperti bid-deroga fis-sena kalendarja ta' qabel id-data tal-applikazzjoni jew fis-sena li hija l-egreb tad-data tal-applikazzjoni.
- 6.7. *Deskrizzjoni qasira tal-mudell operazzjonali tal-faċilità tal-produzzjoni*

TAQSIMA KUNFIDENZJALI TAL-APPLIKAZZJONI

6.8. *Il-profitt nett fil-5 snin qabel id-data tal-applikazzjoni*

Sena					
Profitt nett					

6.9. *Nefqa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp fuq teknoloġiji li jnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ matul il-5 snin qabel id-data tal-applikazzjoni*

Sena					
Nefqa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp					

6.10. *It-trasferimenti finanzjarji netti lejn il-kumpanija prinċipali f'każ ta' impriżi konnessi matul il-5 snin qabel id-data tal-applikazzjoni*

Sena					
Trasferimenti netti					

7. **Dettalji dwar il-karozzi kummerċjali ħfief li se jiġu varati fis-suq tal-Unjoni li se jkun responsabbli għalihom l-applikant**
 - 7.1. *Karatteristiċi tas-suq*
 - 7.1.1. *Karatteristiċi tal-vettura.*
 - 7.1.2. *L-ismijiet u l-firxiet tal-prezzijiet ta' vetturi li jikkompetu direttament fis-sena ta' qabel id-data tal-applikazzjoni.*
 - 7.1.3. *Il-lista tal-prezzijiet mistennija ta' vetturi li se jkunu koperti bid-deroga.*
 8. **Il-potenzjal teknoloġiku tal-applikant biex inaqqas l-emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂**
 - 8.1. *Lista tat-teknoloġiji li jnaqqsu s-CO₂ adottati fil-flotta tal-applikant fl-2010*
 - 8.2. *Meta ma tkunx disponibbli l-lista msemmija fil-punt 8.1, tintuża l-lista tas-sena ta' wara li tkun l-egreb tal-2010*
 - 8.3. *F'każ ta' applikanti li jippanaw li jidħlu fis-suq tal-Unjoni, il-lista msemmija fil-punt 8.1 għandha tiġi pprovduta għall-ewwel sena tad-deroga*
 9. **Programm tal-applikant għat-tnaqqis ta' emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂**
 - 9.1. *L-iskeda għall-adozzjoni tat-teknoloġiji li jnaqqsu s-CO₂ fil-flotta*
 - 9.2. *Medja tal-flotta mistennija matul il-perjodu ta' deroga*
 - 9.2.1. *Reġistrazzjonijiet tal-Unjoni ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda għal kull sena matul il-perjodu ta' deroga,*
 - 9.2.2. *Massa medja mistennija ta' vetturi li se jiġu varati fis-suq tal-Unjoni, il-potenza tal-magni tagħhom u informazzjoni dwar il-konfigurazzjoni tal-mogħdija tas-saħħa tal-magna,*
 - 9.2.3. *Medja tal-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi mistennija ta' vetturi li se jiġu varati fis-suq tal-Unjoni.*
 - 9.3. *It-teknoloġiji li jnaqqsu s-CO₂ li se jiġu adottati fil-flotta tal-applikant taħt il-programm għat-tnaqqis ta' emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂*
 - 9.4. *L-ispejjeż addizzjonali għal kull verżjoni ta' vettura tat-teknoloġiji li se jiġu adottati bħala parti mill-programm għat-tnaqqis ta' emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂*
 - 9.5. *Fil-każ tal-miri annwali, titjib annwali fl-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ tal-verżjonijiet tal-vetturi li għalihom qed jiġu introdotti teknoloġiji li jnaqqsu s-CO₂*
-

ANNEX II

Format standard tad-dikjarazzjoni li juri l-istruttura tas-sjieda*L-Artikolu 11(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011*

Hawnhekk niddikjara li jiena għandi s-setgħa legali li nirrappreżenta lil [isem] (il-manifattur) li qed japplika għal deroga kif previst fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 li ma jaġhmilx parti minn grupp ta' manifatturi konnessi kif iddefinit fl-Artikolu 3(2) tiegħu. Fl-aħjar għarfien tiegħi [isem] (il-manifattur) huwa eliġibbli biex japplika għal deroga kif previst fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 u l-informazzjoni li hemm fl-applikazzjoni hija vera u eżatta. L-informazzjoni dwar l-istruttura tas-sjieda ta' [isem] (il-manifattur) hija annessa.

Firma Data

Direttur tal-[manifattur]

L-Artikolu 11(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011.

Hawnhekk niddikjara li jiena għandi s-setgħa legali li nirrappreżenta lil [isem] (il-manifattur) li qed japplika għal deroga kif previst fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 li jaġhmel parti minn grupp ta' manifatturi konnessi kif iddefinit fl-Artikolu 3(2) tiegħu. Fl-aħjar għarfien tiegħi [isem] (il-manifattur) huwa eliġibbli biex japplika għal deroga kif previst fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 u l-informazzjoni li hemm fl-applikazzjoni hija vera u eżatta. L-informazzjoni dwar l-istruttura tas-sjieda ta' [isem] (il-manifattur) hija annessa.

Firma Data

Direttur tal-[manifattur]

L-Artikolu 11(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011

Hawnhekk niddikjara li jiena għandi s-setgħa legali li nirrappreżenta lil [isem] (il-manifattur) li qed japplika għal deroga kif previst fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 li jaġhmel parti minn grupp ta' manifatturi konnessi kif iddefinit fl-Artikolu 3(2) tiegħu iżda li jopera l-faċilitajiet tal-produzzjoni u ċ-ċentru tad-disinn tiegħu stess kif iddefinit fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 114/2013. Fl-aħjar għarfien tiegħi [isem] (il-manifattur) huwa eliġibbli biex japplika għal deroga kif previst fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 u l-informazzjoni li hemm fl-applikazzjoni hija vera u eżatta. L-informazzjoni dwar l-istruttura tas-sjieda ta' [isem] (il-manifattur) hija annessa.

Firma Data

Direttur tal-[manifattur]

ANNEX III

Lista tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ fl-2010 għal kull manifattur

Marka	Emissjonijiet medji (g/km)
Citroën	158,96
Dacia	154,13
Fiat	159,99
Ford	202,00
Giotti victoria	167,59
Great wall	190,13
Hyundai	219,73
Isuzu	223,86
Iveco	229,05
Jeep	240,17
Kia	193,29
Land rover	276,93
LDV	234,60
Mazda	247,08
Mercedes	226,29
Mitsubishi	221,87
Mitsubishi fuso	286,83
Nissan	214,11
Opel	183,30
Peugeot	156,84
Piaggio	135,85
Renault	165,47
Renault trucks	250,11
Skoda	136,13
Ssangyong	222,72
Tata	223,00
Toyota	215,41
Vauxhall	162,09
Volkswagen	193,43
Volvo	186,40

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 115/2013

tat-8 ta' Frar 2013

li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwu fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, għal dak li jirrigwarda s-sustanza diklażuril

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jstabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 flimkien mal-Artikolu 17 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini mfassla mill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju,

Billi:

(1) Il-limitu massimu ta' residwi (minn issa 'l quddiem "MRL") għas-sustanzi farmakoloġikament attivi maħsuba għall-użu fl-Unjoni fil-prodotti mediċinali veterinarji għall-annimali li jipproduċu l-ikel, jew fil-prodotti bijoċidali użati fit-trobbija tal-annimali, għandu jkun stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 470/2009.

(2) Is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-MRLs fl-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali huma stabbiliti fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 tat-22 ta' Diċembru 2009 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwu fl-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali⁽²⁾.

(3) Id-diklażuril huwa attwalment inkluż fit-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 bħala sustanza awtorizzata, għall-ispeċi kollha tar-ruminanti u l-porċina, għall-użu orali biss.

(4) Tressqet applikazzjoni lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għall-estensjoni tal-annotazzjoni eżistenti għad-diklażuril biex tinkludi t-tjur.

(5) Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 470/2009, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għandha tikkunsidra li tuża l-MRLs stabbiliti għal sustanza attiva farmakoloġikament fl-oġġetti tal-ikel partikolari minflok oġġetti tal-ikel oħra li joriġinaw mill-istess speċi, jew l-MRLs stabbiliti għal sustanza farmakoloġikament attiva fi speċi waħda jew aktar minflok speċi oħra. Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju rrakkomanda li jiġi stabbilit MRL għad-diklażuril għat-tiġieġ u l-faġani, applikabbli għall-muskoli, il-ġilda u x-xaħam, il-fwied u l-kliewi, minbarra annimali li minnhom jiġu prodotti bajd għall-konsum mill-bniedem, u l-estrapolazzjoni tal-MRLs għad-diklażuril għat-tiġieġ u l-faġani, applikabbli għall-muskoli, il-ġilda u x-xaħam, il-fwied u l-kliewi, minbarra annimali li minnhom jiġu prodotti bajd għall-konsum mill-bniedem.

(6) L-annotazzjoni għad-diklażuril fit-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 għandha għalhekk tiġi emendata biex tinkludi l-MRL għat-tjur.

(7) Huwa xieraq li jingħata perjodu ta' żmien raġonevoli għall-partijiet interessati sabiex jieħdu l-miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa għall-konformità mal-MRL il-ġdid li hu stabbilit.

(8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Mediċinali Veterinarji,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan għandu japplika mill-10 ta' April 2013.

⁽¹⁾ ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11.

⁽²⁾ ĠU L 15, 20.1.2010, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Frar 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX

L-annotazzjoni għad-diklażuril fit-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 hija mibdula b'dan li ġej:

Sustanza farmakoloġikament attiva	Markatur tar-residwi	Speċi tal-Annimali	MRL	Tessuti fil-Mira	Dispożizzjonijiet oħrajn (skont l-Artikolu 14(7) tar-Regolament (KE) Nru 470/2009)	Klassifikazzjoni terapewtika
"Diklażuril"	MHUX APPLIKABBLI	Ir-ruminanti kollha, porċini	Mhux meħtieġ l-ebda MRL	MHUX APPLIKABBLI	Għall-użu orali biss.	L-EBDA ANNOTAZZJONI
		Tjur	500 µg/kg 500 µg/kg 1 500 µg/kg 1 000 µg/kg	Muskoli Ġilda u xaħam fi proporzjonijiet naturali Fwied Kliewi	Mhux għall-użu f'annimali li jipproduċu bajd għall-konsum mill-bniedem	Aġenti antiparassiti/Aġenti li jaġixxu kontra l-protożoj

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 116/2013

tat-8 ta' Frar 2013

li jemenda l-Anness għar-Regolament (UE) Nru 37/2010 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwu fl-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali fejn tidħol is-sustanza eprinomectin

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 flimkien mal-Artikolu 17 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini mfassla mill-Kumitat għall-Prodotti Mediciċinali għall-Użu Veterinarju,

Billi:

- (1) Il-limitu massimu ta' residwi (minn issa 'l quddiem "MRL") għas-sustanzi farmakoloġikament attivi maħsuba għall-użu fl-Unjoni fil-prodotti mediciċinali veterinarji għall-annimali li jipproduċu l-ikel jew fil-prodotti bijoċidali użati fit-trobbija tal-annimali, għandu jkun stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 470/2009.
- (2) Is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-MRLs fl-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali huma stabbiliti fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 tat-22 ta' Diċembru 2009 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwu fl-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali⁽²⁾.
- (3) L-Eprinomectin huwa attwalment inkluż fit-Tabella 1 tal-Anness mar-Regolament (UE) Nru 37/2010 bħala sustanza permessa għall-ispeċijiet tal-bovini, applikabbli għall-muskoli, għax-xaħam, għall-fwied, għall-kliewi u għall-ħalib.
- (4) Kienet ippreżentata applikazzjoni lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini sabiex tiġi estiża l-entrata eżistenti għall-eprinomectin applikabbli għall-ispeċi tal-ovina.
- (5) Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 470/2009, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għandha tikkunsidra li

tuża l-MRLs stabbiliti għal sustanza attiva farmakoloġikament fl-oġġetti tal-ikel partikolari minflok oġġetti tal-ikel oħra li joriġinaw mill-istess speċi, jew l-MRLs stabbiliti għal sustanza farmakoloġikament attiva fi speċi waħda jew aktar minflok speċi oħra. Il-Kumitat għall-Prodotti Mediciċinali għall-Użu Veterinarju rrakkomanda li jiġi stabbilit MRL provviżorju għall-eprinomectin għall-ispeċi ovina, applikabbli għall-muskoli, ix-xaħam, il-fwied, il-kliewi u l-ħalib, u l-estrapolazzjoni tal-MRLs għall-eprinomectin minn speċi ovini u bovini, applikabbli għall-muskoli, ix-xaħam, il-fwied, il-kliewi u l-ħalib għall-ispeċi kaprini, li jiġi stabbilit MRL provviżorju, applikabbli għall-muskoli, ix-xaħam, il-fwied, il-kliewi u l-ħalib.

- (6) Is-CVMP irrakkomanda l-istabbiliment ta' MRL provviżorju għal speċi ovini u kaprini hekk kif id-dejta xjentifika mhijiex kompluta għall-metodu analitiku propost għall-monitoraġġ tar-residwi fi speċi ovini u kaprini.
- (7) L-annotazzjoni għall-eprinomectin fit-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 għaldaqstant trid tiġi emendata biex tinkludi l-MRLs provviżorji għall-ispeċi bovini u kaprini, applikabbli għall-muskoli, ix-xaħam, il-fwied, il-kliewi u l-ħalib. L-LMRs provviżorji stabbiliti f'dik it-Tabella għall-ispeċi ovini u kaprini, għandhom jiskadu fl-1 ta' Lulju 2014.
- (8) Huwa xieraq li jingħata perjodu ta' żmien raġonevoli għall-partijiet interessati kkonċernati sabiex jieħdu l-miżuri li jistgħu jkun meħtieġa għall-konformità mal-MRL il-ġdid stabbilit.
- (9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Mediciċinali Veterinarji,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 qed jiġi emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-10 ta' April 2013.

⁽¹⁾ ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11.

⁽²⁾ ĠU L 15, 20.1.2010, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Frar 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX

L-annotazzjoni għall-eprinomectin fit-Tabella 1 tal-Anness għar-Regolament (UE) Nru 37/2010 għandha tinbidel b'dan li ġej:

Sustanza farmakoloġika- ment attiva	Markatur tar-residwi	Speċi tal-Annimali	MRL	Tessuti fil-Mira	Dispożizzjonijiet Oħrajn (skont l-Artikolu 14(7) tar- Regolament (KE) Nru 470/2009)	Klassifikazzjoni terapewtika
"Eprinomectin	Eprinomectin B1a	Bovini	50 µg/kg 250 µg/kg 1 500 µg/kg 300 µg/kg 20 µg/kg	Il-muskoli Ix-xaħam Il-fwied Il-kliewi Il-ħalib	L-EBDA ANNOTAZZJONI	Aġenti li jaġixxu kontra l-parassiti/Aġenti li jaġixxu kontra l-endo u l-ektoparassiti"
		Ovini, kaprini	50 µg/kg 250 µg/kg 1 500 µg/kg 300 µg/kg 20 µg/kg	Il-muskoli Ix-xaħam Il-fwied Il-kliewi Il-ħalib	L-MRLs stabbiliti għal dawn l-ispeċi tal-annimali huma MRLs provviżorji. Dawn għandhom jiskadu fl-1 ta' Lulju 2014	

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 117/2013**tat-8 ta' Frar 2013****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom

il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Frar 2013.

*Għall-Kummissjoni,
Fisem il-President,*

José Manuel SILVA RODRÍGUEZ

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	MA	45,0
	PS	160,8
	TN	79,3
	TR	114,5
	ZZ	99,9
0707 00 05	EG	200,0
	TR	166,7
	ZZ	183,4
0709 91 00	EG	238,2
	ZZ	238,2
0709 93 10	MA	42,1
	TR	131,4
	ZZ	86,8
0805 10 20	EG	51,6
	IL	64,5
	MA	54,7
	TN	49,1
	TR	61,0
	ZZ	56,2
0805 20 10	IL	130,2
	MA	93,2
	ZZ	111,7
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	IL	94,4
	KR	134,2
	MA	120,8
	TR	80,5
	ZZ	107,5
0805 50 10	EG	83,9
	TR	70,5
	ZZ	77,2
0808 10 80	CN	99,8
	MK	26,7
	US	148,6
	ZZ	91,7
0808 30 90	CN	51,3
	TR	158,2
	US	140,7
	ZA	100,4
	ZZ	112,7

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 118/2013

tat-8 ta' Frar 2013

li jiffissa l-koeffiċjenti ta' allokkazzjoni li għandha tapplika għall-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa mressqa mill-4 sal-5 ta' Frar 2013 fil-kuntest tal-kwota tariffarja ta' Tuneżija u li jissospendi l-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni għax-xahar ta' Frar 2013

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awissu 2006 li jstabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli regolati minn sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 3(1) u (2) tal-Protokoll Nru 1 ⁽³⁾ tal-ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi l-assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Tuneżina min-naħa l-oħra ⁽⁴⁾, jstabbilixxi kwota tariffarja b'dazju doganali ta' żero għall-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa mhux raffinat li jaqa' taħt il-kodiċijiet tan-NM 1509 10 10 u 1509 10 90, prodott kollu kemm hu fit-Tuneżija u ttrasportat direttament minn dak il-pajjiż lejn l-Unjoni Ewropea, fil-limiti stipulati għal kull sena.
- (2) L-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1918/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 li jiftaħ u jstabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji f'dak li jirrigwarda ż-żejt taż-żebbuġa li joriġina

fit-Tuneżija ⁽⁵⁾ jipprovdi għal limiti kwantitattivi ta' kull xahar għall-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni.

- (3) F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1918/2006, tressqu applikazzjonijiet għand l-awtoritajiet kompetenti għall-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni għal kwantità totali li taqbeż il-limitu pprovdut għax-xahar ta' Frar fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament imsemmi.
- (4) F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni għandha tiffissa koeffiċjent ta' allokkazzjoni li jippermetti l-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni *pro rata* għall-kwantità disponibbli.
- (5) Ġaladarba ntlaħaq il-limitu għax-xahar ta' Frar, għax-xahar imsemmi ma tista' tinħareġ l-ebda liċenzja tal-importazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqa fl-4 u il-5 ta' Frar 2013 skond l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1918/2006, għandhom jinħarġu skond koeffiċjent ta' allokkazzjoni ta' 10,639726 %.

Il-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni għall-kwantitajiet mitluba mill-11 ta' Frar 2013 huwa sospiż għal Frar 2013.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-9 ta' Frar 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Frar 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,

José Manuel SILVA RODRÍGUEZ

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

⁽³⁾ ĠU L 97, 30.3.1998, p. 57.

⁽⁴⁾ ĠU L 97, 30.3.1998, p. 2.

⁽⁵⁾ ĠU L 365, 21.12.2006, p. 84.

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2013 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 300 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 420 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 910 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

